MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 984/2006

**Cutrico Services Limited C 9586**

**Vs**

**Darwin International Limited C 23106**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta` Novembru, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u ghoxrin lira, tmienja u erbghin centezmu (Lm627.48) rapprezentanti prezz ta` xogholijiet u ta` parts esekwiti mis-socjeta` attrici fuq air conditioners provduti lis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta minn dokumenti esebiti u mmarkati Dok A sa Dok F.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 23 ta` Novembru, 2006 fejn giet eccepita in linea preliminari l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Fit-tieni lok il-kontestazzjoni kienet fis-sens li x-xoghol ma sarx sew skond kif titlob is-sengha u l-arti. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ghal liema skop thalliet l-istess kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 2148 (a) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta skond ma` kif gie aktar puntwalizzat fit-trattazzjoni tas-socjeta` konvenuta. Dan l-artikolu jistipula preskrizzjoni bid-dekors ta` 18 il xahar ghal azzjonijiet maghmula minn persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghal prezz ta` l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-imsemmija xogholijiet u materjal in kwistjoni jirrisalu ghal perjodu bejn Mejju u Lulju tas-sena 2003 filwaqt li l-kawza odjerna giet intavolata fl-1 ta` Novembru, 2006. Illi in vista ta` dan ghalhekk jidher li ghaddew ferm aktar mit-18 il xahar mid-data rilevanti sad-data tal-ewwel att gudizzjarju. Jinghad ukoll li ghalkemm gew skambjati diversi ittri legali bejn il-partijiet ebda wahda minnhom ma` hi att gudizzjarju li tista` isservi bhala nterruzzjoni ghal perjodu preskrittiv jew b’xi mod il-kontenut taghha jista` jigi meqjus bhala xi forma ta` ammissjoni. Illi inoltre ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali li kien hemm xi tkissir tad-dekors tal-perjodu preskrittiv fuq xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi msemmija fl-artikoli 2127 sa 2136 Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta jiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta, kwindi jichad it-talbiet attrici pero` fic-cirkostanzi qed jigi ritenut gust u ekwu li l-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------